



MATERJAL GĦALL-ISTAMPA

L-għaxar anniversarju tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA



BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

Werrej

Kelmtejn qabel	3
Introduzzjoni	4
Thējjija għall-bidla tal-flus fl-2002	5
Il-bidla tal-flus skont il-pajjiż	6
Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro f'Malta	8
Produzzjoni, ċirkolazzjoni u falsifikazzjoni tal-karti tal-flus: ħarsa 'l quddiem	9
Disinn u karatteristiċi tal-karti tal-flus u l-muniti	10
L-euro bħala simbolu	12
L-għaxar anniversarju tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro	13



Għaxar snin ilu

, fl-1 ta' Jannar 2002, daħlu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro fi 12-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-introduzzjoni tal-euro kienet toffri sfida li bħalha qatt ma kien hemm qabel, iżda kollox mexa ħarir u biljuni ta' karti tal-flus u muniti bdew deħlin fiċ-ċirkolazzjoni fi ftit jiem. Ħames Stati Membri oħra adottaw l-euro f'dawn l-aħħar snin, biex issa total ta' 17-il Stat Membru – u 332 miljun ruħ – qegħdin jużaw il-munita. L-euro sar simbolu tal-Ewropa, u l-karti tal-flus u l-muniti saru parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum.

Id-ċittadini tal-pajjiżi taż-żona tal-euro jistgħu jserrġu rashom li l-Eurosistema se tkompli bl-impenn tagħha li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet għal żmien medju, skont id-definizzjoni tagħha: taħt, iżda qrib, 2%. Minn meta daħal l-euro fl-1999, tlettax-il sena ilu, ir-rata tal-inflazzjoni annwali taż-żona tal-euro kienet qrib 2% bħala medja. L-Eurosistema se tagħmel kulma jinħtieġ biex tkompli tkun ankra soda u affidabbli għall-istabbiltà tal-prezzijiet f'dawn iż-żminijiet ta' sfida.

Mario Draghi

President

Bank Ċentrali Ewropew



© IMAGO ECONOMICA

Josef Bonnici

Gvernatur

Bank Ċentrali ta' Malta



Introduzzjoni

Dan il-materjal għall-istampa, li sar mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ċentrali ta' Malta, fih tagħrif dwar l-għaxar anniversarju tad-dħul tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Jinkludi link għal folder dwar il-websajt tal-BĊE fl-internet, li għalih tista' tidħol permezz tal-isem tal-utent u kodiċi li tirċievi meta tiffirma dikjarazzjoni ta' ċaħda tad-dritt legali. Il-folder fih fajls miftuħa dwar dan il-materjal għall-istampa kif ukoll xbihat b'riżoluzzjoni għolja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, xbihat ta' ċittadini

qegħdin jużaw il-flus kif ukoll filmat dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro. Dan il-materjal jista' jintuża għall-pubblikazzjoni, għalkemm f'rapporti dwar l-euro biss. Int se tintalab tiffirma d-dikjarazzjoni ta' ċaħda tad-dritt legali biex jiġi żgurat li dan il-materjal jintuża kif jixraq. Barra dan, għandhom jiġu osservati r-regoli dwar ir-riproduzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro.¹

Jekk tkun trid aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-BĊE jew

lill-Bank Ċentrali ta' Malta. Nibagħtulek pubblikazzjonijiet dwar l-istorja, ir-rwol u l-funzjonijiet tal-BĊE, kif ukoll dwar l-Eurosistema u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, dwar il-politika monetarja tal-Eurosistema u dwar is-superviżjoni bankarja fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni Ewropea. Għandna wkoll pubblikazzjonijiet dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom.²

Tagħrif ieħor jista' jinkiseb mill-

Bank Ċentrali Ewropew

Direttorat għall-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Istampa u l-Infurmazzjoni
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Tel.: +49 69 1344 7455

Fax: +49 69 13 44 7401

Email: info@ecb.europa.eu

Internet: www.euro.ecb.europa.eu

Bank Ċentrali ta' Malta

Clive Bartolo
Kap Uffiċjal għar-RP
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta

Tel.: + 356 2550 3104

Fax: + 356 2550 4950

Email: publicrelations@centralbankmalta.org

Internet: www.centralbankmalta.org



¹ Ir-regoli dwar ir-riproduzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro jinsabu hawn: <http://www.ecb.europa.eu/euro/html/reproduction.en.html>

² Biex tniżżel jew titlob dawn il-pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok idħol hawn: <http://www.ecb.europa.eu/euro/html/materials.en.html>

Tħejjija għall-bidla tal-flus fl-2002

Disinn tal-karti tal-flus u l-muniti

L-Istitut Monetarju Ewropew, il-prekursur tal-BĊE, nieda kompetizzjoni għad-disinn fi Frar 1996. Id-disinji ġew eżaminati minn ġurija ta' esperti indipendenti fil-marketing, fid-disinn u fl-istorja tal-arti u kienu s-suġġett ta' sħarriġ tal-opinjoni pubblika. Wara li qies ir-riżultati kollha, il-Kunsill tal-Istitut Monetarju Ewropew għażel id-disinn rebbieħ f'Diċembru 1996: sensiela ta' disinji msejsa fuq it-tema "Żminijiet u stili tal-Ewropa" ippreżentata minn Robert Kalina, disinjatur tal-karti tal-flus mill-bank ċentrali tal-Awstrija, l-Oesterreichische Nationalbank, fi Vjenna.

Waqf li l-karti tal-flus tal-euro huma l-istess fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro, il-muniti għandhom naħa "Ewropea" u naħa "nazzjonali". Juru simboli ta' pajjiżi Ewropej u jixhdu l-unità tal-Unjoni Ewropea. Luc Luyckx miz-Zekka Rjali Belġjana rebaħ kompetizzjoni miftuħa fl-Ewropa kollha għad-disinn tan-naħa Ewropea, li turi l-valur ta' kull munita.

Testijiet u produzzjoni

Biex setgħet issir il-bidla għall-euro f'Jannar 2002, il-kollaborazzjoni ma' terzi persuni kienet element kruċjali billi

setgħu jsiru testijiet nazzjonali u ċentralizzati għall-manifatturi ta' magni li jimmaniġġaw il-flus sa minn qabel saret il-bidla.

Il-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro bdiet f'Lulju 1999 fi 15-il stamperija tal-karti tal-flus imxerrda mal-Unjoni Ewropea kollha. Sistema komuni għall-ġestjoni tal-kwalità żgurat li jkun hemm standard identiku għall-karti kollha tal-euro. Sal-1 ta' Jannar 2002 ġiet stampata provvista inizjali ta' 14.9 biljun karta tal-flus – biżżejjed biex tgħatti l-wiċċ ta' 15,000 grawnd tal-futbol – għat-12-il pajjiż li dak iż-żmien kienu fiż-żona tal-euro. Madwar 52 biljun munita, b'valur totali ta' €15.75 biljun, ġew prodotti minn 16-il zekka Ewropea, bl-użu ta' 250,000 tunnellata ta' metall.

Il-kampanja ta' informazzjoni Euro 2002 u l-bidla

Il-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus iridu jintgħarfu malajr u bla tbatija, u għalhekk l-Eurosistema nidiet kampanja sħiħa ta' informazzjoni bl-isem "Euro 2002", b'tagħrif fuq il-mezzi tax-xandir fit-12-il pajjiż taż-żona tal-euro³ li kien jiffoka fuq il-karti tal-flus u l-muniti u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom. Lċ-ċittadini ġew imħeġġa jiċċekkjaw

il-karti tal-flus bil-metodu "ħoss-ħares-mejjel". Din it-teknika, żviluppata fl-2001 b'rabta mas-slogan "L-EURO – FLUSNA", intużat mill-Eurosistema fl-attivitajiet kollha ta' komunikazzjoni dwar il-karti tal-flus tal-euro.

Minkejja l-kobor tal-isfida tad-dħul tal-euro, il-proċess mexxa ħarir u ntemm b'suċċess fiż-żona kollha tal-euro sal-aħħar ta' Frar 2002. Kienet l-ikbar bidla ta' flus li qatt seħħet fid-dinja, u fiha ħadu sehem is-settur bankarju, il-kumpaniji tal-ġarr tal-flus b'sigurtà, il-bejjiegħa bl-imnut, l-industrija tal-magni li jaħdmu bil-flus u, m'għandniex xi ngħidu, il-pubbliku ġenerali. Is-suċċess tal-bidla kien dovut għat-tħejjijiet bikrija u bir-reqqa li saru minn kull min kellu x'jaqsam, fosthom il-banek kummerċjali, il-manifatturi tal-magni li jimmaniġġaw il-flus u dawk li jimmaniġġaw il-flus, li mill-ewwel bdew jużaw il-munita l-ġdida b'kunfidenza. Il-pubbliku wkoll laqat l-munita l-ġdida u dan bla dubju għen biex il-bidla tirnexxi.

L-irtirar tal-muniti nazzjonali kien ikkomplikat ġmielu, iżda hawn ukoll, sal-1 ta' Marzu 2002, aktar minn 6 biljun karta tal-flus u qrib it-30 biljun munita nazzjonali kienu tneħħew miċ-ċirkolazzjoni.



³ L-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja.

Il-bidla tal-flus skont il-pajjiż: 2002, 2007, 2008, 2009 u 2011

Pajjiż	Dħul tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro	Data tat-tmiem tal-munita l-qadima bħala valuta legali	Tisrif tal-karti tal-flus sa	Tisrif tal-muniti sa
il-Belġju	1.1.2002	28.2.2002	bla limitu	31/12/04
il-Ġermanja	1.1.2002	28.2.2002	bla limitu	bla limitu
l-Estonja	1.1.2011	14.1.2011	bla limitu	bla limitu
l-Irlanda	1.1.2002	9.2.2002	bla limitu	bla limitu
il-Greċja	1.1.2002	28.2.2002	1.3.2012	1.3.2004
Spanja	1.1.2002	28.2.2002	bla limitu	bla limitu
Franza	1.1.2002	17.2.2002	17.2.2012	17.2.2005
l-Italja	1.1.2002	28.2.2002	28.2.2012	28.2.2012
Ċipru	1.1.2008	31.1.2008	31.12.2017	31.12.2009
il-Lussemburgu	1.1.2002	28.2.2002	bla limitu	31.12.2004
Malta	1.1.2008	31.1.2008	31.1.2018	1.2.2010
l-Olanda	1.1.2002	28.1.2002	1.1.2032	1.1.2007
l-Awstrija	1.1.2002	28.2.2002	bla limitu	bla limitu
il-Portugall	1.1.2002	28.2.2002	28.2.2022	31.12.2002
is-Slovenja	1.1.2007	14.1.2007	bla limitu	31.12.2016
is-Slovakkja	1.1.2009	16.1.2009	bla limitu	31.12.2013
il-Finlandja	1.1.2002	28.2.2002	29.2.2012	29.2.2012

Għaxar pajjiżi ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004, u ħamsa minnhom saru membri taż-żona tal-euro f'dawn l-aħħar snin: is-Slovenja (2007), Ċipru (2008), Malta (2008), is-Slovakkja (2009) u l-Estonja (2011). S'issa 17-il pajjiż tal-Unjoni Ewropea adottaw l-euro.

Il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, barra d-Danimarka u r-Renju Unit li għażlu li jibqgħu barra, huma mistennija jissieħbu fl-Unjoni Monetarja u jdaħħlu l-euro hekk kif jissodisfaw il-kriterji ta' konverġenza.

Il-bidla tal-flus skont il-pajjiż: 2002, 2007, 2008, 2009 u 2011

Mappa taż-żona tal-euro



Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro f'malta

L-euro ġie adottat bħala l-munita ta' Malta fl-1 ta' Jannar 2008 wara l-approvazzjoni tal-Ministri tal-Finanzi tal-Unjoni Ewropea f'Ġunju 2007.

Ġew stampati 80 miljun karta tal-flus għad-dħul tal-euro f'Malta. Din il-kwantità kienet meħtieġa biex tilqa' d-domanda tal-bidu u biex tipprovdi ħażniet għall-Bank Ċentrali ta' Malta. Li kieku dawn il-karti tal-flus kellhom jitqiegħdu waħda wara l-oħra, kienu jlaħħqu d-distanza bejn Malta u Las Vegas jew ftit aktar minn ħames darbiet daqs id-distanza bejn Malta u Londra (madwar 10,555 km).

200 miljun munita tal-euro (li jiżnu madwar 950 tonnellata) intużaw għall-bidla lokali. It-toqol tagħhom bejn wieħed u ieħor hu tliet darbiet u nofs daqs it-toqol operattiv tipiku ta' Airbus

A380. Madwar 47 kontejner intużaw biex il-muniti nġarru miz-zekka fi Franza għal Malta.

Bi tħejjija għad-dħul tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ċentrali ta' Malta organizzaw kampanja ta' informazzjoni qawwija, b'diversi fuljetti, materjal għat-taħriġ, karta biex tgħin fit-tisrif, riklami fil-gazzetti u t-TV kif ukoll sound card għal dawk neqsin mid-dawl. Tħejjew bosta avvenimenti, u l-President tal-BĊE Trichet flimkien ma' gvernaturi u uffiċjali għolja oħrajn tal-banek ċentrali nazzjonali kienu fost il-mistednin biex jiċċelebraw l-okkażjoni.

Twaqqaf programm ta' sħubija bejn il-BĊE, il-Bank Ċentrali ta' Malta u organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex jingħata tagħrif f'waqtu dwar l-euro. Hekk, il-banek, il-ħwienet, il-kumpaniji

tal-ġarr tal-flus b'sigurtà u l-industrija tal-magni li jaħdmu bil-flus kollha kienu mħejjija sew. Ilkoll taw sehemhom bl-aħjar mod biex il-karti tal-flus u l-muniti ġodda daħlu bla xkiel.

Il-muniti tal-euro ta' Malta ntgħażlu wara proċess pubbliku ta' konsultazzjoni li ntemm f'Mejju 2006. Id-disinji finali saru minn Noel Galea Bason u juru tliet motivi differenti – is-Salib bi Tmien Ponot tal-Kavallieri ta' Malta, l-Emblema ta' Malta u l-Altar tat-Tempju Preistoriku tal-Imnjadra.

Il-perjodu biex il-karti tal-liri Maltin jissarrfu f'euro jagħlaq fl-2018. Għalhekk, jekk għad fadallex xi karti tal-liri Maltin, ara li ssarrafhom fil-Bank Ċentrali ta' Malta sal-31 ta' Jannar 2018. Wara din id-data, dawn il-karti tal-flus ma jkunux jistgħu jissarrfu aktar.



Produzzjoni, ċirkolazzjoni, falsifikazzjoni tal-karti tal-flus: ħarsa 'l quddiem

Produzzjoni tal-karti tal-flus

L-Eurosistema tiddetermina l-ħtiġijiet annwali finali tal-produzzjoni tal-karti tal-flus u talloka l-kwantitajiet għal kull denominazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) taż-żona tal-euro. Kull BĊN imbagħad jidħol responsabbli għall-provvista ta' proporzjon speċifiku tal-produzzjoni annwali meħtieġa ta' denominazzjoni jew aktar. Il-banek ċentrali mbagħad jipproduċu l-proporzjon tagħhom ta' karti tal-flus tal-euro, jew huma stess jew billi jqabbd u lil xi ħadd barrani. Il-banek ċentrali li jkun ikkummissjona l-istampar ta' kwantità ta' karti tal-flus ikun indikat b'ittra jew bil-kodiċi tal-pajjiż quddiem in-numru tas-sensjela⁴. L-istampar attwali, madankollu, jista' jsir f'pajjiż ieħor. Fl-2011, ġiet alllokata l-produzzjoni totali ta' 6 biljun karta tal-flus tal-euro b'valur ta' €171.3 biljun lill-BĊN taż-żona tal-euro.

Ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro

Ċifri

F'nofs l-2011 kien hemm 14.2 biljun karta tal-flus u 95.6 biljun munita fiċ-ċirkolazzjoni, b'valur totali ta' €847 biljun u €22.8 biljun rispettivament. Il-karta ta' €50 kellha l-akbar proporzjon f'termini ta' kwantità (39.5%) waqt li l-karta ta' €500 kellha l-akbar proporzjon f'termini ta' valur (34.3%) u ftit warajha l-karta ta' €50 (33%).

Xejriet fil-provvista tal-karti tal-flus

F'Ottubru 2008, hekk kif bdiet tikber il-kriżi finanzjarja, l-għadd ta' karti tal-flus tal-euro li tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni żdied ferm, l-aktar il-karti b'denominazzjoni

għolja. F'dak ix-xahar, iċ-ċifra għal dawn il-karti tal-flus, pereżempju, kienet tliet darbiet ogħla minn dik ta' Ottubru 2007.

Biex il-provvista tlaħħaq mad-domanda, l-Eurosistema stabbiliet ħażniet loġistiċi u strateġiċi ta' karti tal-flus. Tal-ewwel tissodisfa d-domanda għall-karti tal-flus f'sitwazzjonijiet normali, fosthom l-ogħla kwantità skont l-istaġun, waqt li tat-tieni tintuża jekk BĊN tonqsu denominazzjoni partikolari li ma tkunx tista' tiġi provduta minn BĊN ieħor.

Karti tal-flus foloz tal-euro


Fl-ewwel sitt xhur tal-2011, tneħħa total ta' 295,553 karta tal-flus falza tal-euro miċ-ċirkolazzjoni. Meta jitqabbel mal-għadd ta' karti tal-flus ġenwini tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni (medja ta' 13.8 biljun fl-ewwel nofs tal-2011), il-proporzjon ta' karti tal-flus foloz huwa żgħir ħafna. L-aktar karti tal-flus foloz "popolari" huma dawk ta' €50 u €20. Għalkemm il-fiduċja

fis-sigurtà tal-euro hi ġustifikata għalkollox minħabba l-miżuri kontinwi kontra l-falsifikazzjoni, il-BĊE jhegġegħ liċ-ċittadini biex joqogħdu attenti u japplikaw il-metodu "ħoss-ħares-mejjel" imfisser fil-websajt tiegħu,⁵ u biex jiċċekkjaw aktar minn karatteristika waħda tas-sigurtà.

Ħarsa 'l quddiem

Minkejja l-għadd żgħir ta' karti tal-flus foloz, l-Eurosistema jeħtiġilha toqgħod pass qabel il-falsifikaturi u tagħmilha aktar iebes biex il-karti tal-flus tagħha jiġu ffalsifikati. Għalhekk, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE approva l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' sensjela oħra ta' karti tal-flus tal-euro, it-tieni waħda, li għandha tidħol fis-snin li ġejjin. Din is-sensjela ġdida se żżomm l-elementi l-aktar importanti tad-disinn tal-ewwel sensjela ta' karti tal-flus. L-Eurosistema għandha tgħarraf lill-pubbliku meta jkun il-waqt dwar id-dħul tal-karti tal-flus il-ġodda.

L-għadd tal-karti tal-euro foloz imneħħija miċ-ċirkolazzjoni bejn l-2002 u l-ewwel nofs tal-2011



Sors: BĊE

⁴ Il-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Banque centrale du Luxembourg għandhom il-kodiċi tal-banek ċentrali tal-pajjiżi fejn jiġu stampati l-karti tal-flus tal-Lussemburgu.

⁵ Ara <http://www.ecb.europa.eu/karatteristicisigurt>

Disinn u karatteristiċi tal-karti tal-flus u l-muniti

Disinn tal-karti tal-flus

Fuq in-naħa ta' quddiem tal-karti tal-flus tal-euro, it-twieqi u l-bibien huma simbolu tal-ispirtu ta' ftuħ u kooperazzjoni tal-Ewropa, waqt li t-12-il stilla tal-Unjoni Ewropea jirrappreżentaw l-ideali ta' unità, solidarjetà u armonija fost iċ-ċittadini tal-Ewropa. Fuq quddiem wieħed jista' jara wkoll il-firma tal-President tal-BĊE.

In-naħa ta' wara ta' kull karta tal-flus tal-euro turi xbieha tal-Ewropa minn satellita, kif ukoll pont, simbolu tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni mill-qrib bejn iċ-ċittadini tal-Ewropa, u bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja.

L-Unjoni Ewropea għall-Għomja (EBU) tat il-fehmiet tagħha fil-fażi tad-disinn biex il-karti tal-flus ikunu adattati bl-aħjar mod għal daww neqsin mid-dawl.

Metodu ta' awtentikazzjoni tal-karti tal-flus: ĦOSS, ĦARES, MEJJEL

1 ĦOSS

Kif tinħass il-karta

Il-karta tinħass tqarqaċ u soda.



Stampar imqabbeż

F'xi partijiet tal-karta tal-flus il-linka hi eħxen.

2 ĦARES

Il-watermark

Jidhru xbieha mitfija ta' tieqa jew bieb u tal-valur.



Il-fil tas-sigurtà

Tidher linja skura.



3 MEJJEL

L-ologramma

Jidhru l-valur u s-simbolu "€" jew tieqa/bieb.

L-istrixxa tleqq

Fin-naħa ta' wara tal-karti ta' €5, €10 u €20 tidher strixxa kulur id-deheb, bil-valur u s-simbolu "€".



In-numru li jkanġi

Fil-karti ta' €50 jew aktar, in-numru jibdel il-kulur minn vjola għal aħdar żebbuġi jew kannella.



120 x 62 mm



127 x 67 mm



133 x 72 mm



140 x 77 mm



147 x 82 mm



153 x 82 mm



160 x 82 mm



Disinn u karatteristiċi tal-karti tal-flus u l-muniti



Disinn tal-munita u awtentikazzjoni

Il-muniti tal-euro għandhom naħa Ewropea li turi mappa tal-Ewropa maġenb it-12-il stilla li jirrappreżentaw l-Unjoni Ewropea u naħa nazzjonali li turi simboli jew xbihat nazzjonali. Il-muniti kollha tal-euro għandhom valuta legali fiż-żona tal-euro kollha.

Il-muniti tal-€1 u €2 fihom għadd ta' karatteristiċi tas-sigurtà, bħat-taħlit ta' żewġ kuluri – fidda u deheb – kif ukoll l-ittri ma' tul ix-xifer tal-munita ta' €2, li huma differenti għal kull pajjiż. Barra dan, il-kompożizzjoni f'“saffi” tal-muniti tal-€1 u €2 u l-karatteristiċi manjetiċi uniċi tagħhom iżidulhom fis-sigurtà meta jintużaw fil-magni tal-bejgħ.

L-ambjent

Bħala grupp ta' istituzzjonijiet li jirrispetta l-ambjent, l-Eurosistema għandha l-għan li tuża r-riżorsi naturali b'mod prudenti, li tippreserva l-kwalità tal-ambjent u li tħares is-saħħa tal-bniedem fil-produzzjoni u l-provvista tal-karti tal-flus tal-euro. Studju ta' valutazzjoni li sar fl-2003 kkonkluda li l-impatt ambjentali tal-karti tal-flus tal-euro matul iċ-ċiklu sħiħ ta' ħajjithom jiswa daqslikieku kull ċittadin tal-Unjoni Ewropea jsuq karożza għal kilometru jew iħalli bozza ta' 60W tixgħel għal nofstanhar. Biex ikompli jsaħħaħ l-impenn ambjentali tiegħu, il-BĊE dan l-aħħar introduċa sistema ta' ġestjoni ambjentali fl-Eurosistema, b'kooperazzjoni mal-industrija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus.

Is-saħħa u s-sigurtà

Livelli baxxi ta' mikrobi komuni nstabu b'mod tipiku fuq karti tal-flus li oriġinaw minn sorsi bħall-ħwienet tal-ikel. Madankollu, il-preżenza ta' mikrobi tant hija żgħira li ma tista' tikkawża lanqas l-iċken sintomi. Instab li l-muniti jgħorru anqas ħmieġ mill-karti tal-flus waqt li l-karti ta' kreditu tal-plastik kellhom l-istess kwantità ta' mikrobi daqs il-flus kontanti.

Qabel ma ddaħħlu f'Jannar tal-2002, il-karti tal-flus tal-euro kienu diġà ġew eżaminati għar-riskji li jistgħu jkollhom x'jaqsmu mat-tossiċità orali akuta, l-irritazzjoni tal-ġilda u l-ġenotossicità. Ir-riżultati kkonfermaw li l-karti tal-flus tal-euro ma jikkawżaw l-ebda wieħed mill-perikli msemmija hawn fuq. Barra dan, il-BĊE vvaluta r-riskji ġenerali għas-saħħa u s-sigurtà li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u l-użu tal-karti tal-flus tal-euro. Analiżi estensivi li saru fil-laboratorji fuq kampjuni rappreżentattivi wrew li jew ma kienx hemm evidenza ta' konċentrazzjonijiet perikolużi ta' sustanzi fil-karti tal-flus tal-euro jew, jekk kien hemm, dawn kienu sew taħt il-limiti legali meta jitqabblu ma' daww applikabbli għall-ikel jew prodotti ta' kuljum li jiġu f'kontatt mal-ġisem tal-bniedem. Biex ikompli jsaħħaħ l-impenn tiegħu fejn jidhru s-saħħa u s-sigurtà, il-BĊE, b'kooperazzjoni mal-industrija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus, dan l-aħħar introduċa sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà li tissorvelja dawn l-elementi fl-Eurosistema.

L-euro bħala simbolu

Maż-żmien, l-Unjoni Ewropea ħarġet bosta simboli: bandiera, innu (Ode to Joy), motto, Jum l-Ewropa (id-9 ta' Mejju) kif ukoll il-munita unika. Fuq il-karti tal-flus m'hemmx simboli nazzjonali li jirrappreżentaw il-viżjoni politika tal-Unjoni Ewropea. Minflok, l-istili arkitettoniċi ta' seba' perjodi tal-istorja tal-Ewropa – li tagħhom insibu eżempji fl-Ewropa kollha – kienu ta' ispirazzjoni għad-disinn tagħhom.

Il-muniti huma differenti f'dan ir-rigward: għandhom naħa Ewropea u naħa nazzjonali, b'simbolu tal-pajjiż partikolari. B'hekk jgħinu liċ-ċittadini b'mod sottili biex jidentifikaw ruħhom aktar mill-qrib mal-Unjoni Ewropea, li tagħha pajjiżhom huwa membru.

Il-munita unika hija simbolu tal-integrazzjoni ekonomika u monetarja. B'mod ġenerali tħaffef in-negozju u b'mod partikolari tgħin fil-pagamenti għal prodotti u servizzi f'pajjiżi oħra.

Il-ħolqien taż-żona tal-euro f'kontinent b'daqstant differenzi bħall-Ewropa huwa suċċess sinifikanti. Illum aktar minn 330 miljun ruħ jużaw l-euro.

Wara għaxar snin, l-Eurosistema qiegħda taħsad il-benefiċċji prattiċi ta' munita komuni, l-aktar fejn jidħol iċ-ċiklu tal-flus u l-akkwist tal-karti tal-flus. Il-benefiċċji – kif ukoll il-lezzjonijiet li ttieħdu minn din il-kollaborazzjoni wiesgħa u profonda – għandhom ikomplu jħallu l-frott fil-ġejjieni.



L-għaxar anniversarju tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro

Għall-2012 qegħdin jitħejjew bosta attivitajiet biex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.



Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2012, se ssir kompetizzjoni Ġirja għall-Euro onlajn k commemorattiva għal tfal tal-“ġenerazzjoni tal-euro”, i.e. dawk fl-età bejn 9 snin u 12-il sena, li joqogħdu fl-Unjoni Ewropea. It-tfal jistgħu jieħdu sehem billi jilagħbu

l-Ġirja għall-Euro f' www.euro.ecb.europa.eu u jirreġistraw l-iskor tagħhom. Iridu jdaħħlu l-kodiċi tal-kompetizzjoni “2012” u jagħtu indirizz validu tal-email.

L-erba' kompetituri bl-ogħla skor fil-kompetizzjoni onlajn jiġu mistiedna mill-BĊE jieħdu sehem f'avveniment offlajn tal-Ġirja għall-Euro f'Mejju 2012. Huma jikkompetu kontra xulxin għat-titlu ta' Ċampjin Ewropew tal-Ġirja għall-Euro.

Jum il-Viżitaturi fil-BĊE

Fit-tieni trimestru tal-2012, il-BĊE qiegħed iħejji biex jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku. Il-viżitaturi jistgħu jsiru jafu kulma jridu dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, mill-istorja tal-flus sal-produzzjoni tagħhom, fil-Wirja dwar l-Euro jew f'wieħed mill-werxops immexxija minn esperti tal-BĊE dwar il-karti tal-flus.



Jekk ma tistax tiġi għal Jum il-Viżitaturi, tajjeb tkun taf li għandha ssir Wirja dwar l-Euro aktar estensiva fi Frankfurt am Main għal tmien l-2012.



Vidjos dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro

Inħadem filmat qasir dwar l-ewwel għaxar snin tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u dan hu disponibbli fi 22 lingwa Ewropea. Barra dan, tliet vidjos ta' 20 sekonda dwar kif għandek tiċċekkja l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus tal-euro bil-metodu “ħoss-ħares-mejjel” huma disponibbli wkoll bl-istess lingwi. Wieħed jista' jara l-vidjos kollha fil-websajt tal-BĊE.



